# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1466

## tal-11 ta' Awwissu 2017

## li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tat-tariffi Komunitarji għall-inbejjed li joriġinaw mill-Kosovo *

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda u l-Kosovo *, min-naħa l-oħra ([2]), ("l-FSA") ġie ffirmat fis-27 ta' Ottubru 2015 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2016.

(2) Il-Protokoll II tal-FSA jistipula l-arranġamenti applikabbli għall-inbejjed u x-xarbiet alkoħoliċi msemmija fih u fl-Anness I tiegħu jipprevedi Ftehim dwar il-konċessjonijiet kummerċjali preferenzjali reċiproku għal ċerti nbejjed li joriġinaw mill-Kosovo. Dak il-ftehim japplika mill-1 ta' April 2016.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 ([3]) jipprevedi kwoti tariffarji tal-importazzjoni annwali għal ċerti prodotti li joriġinaw mit-territorju doganali tal-Kosovo. Wara d-dħul fis-seħħ tal-FSA, dawn il-miżuri awtonomi tal-kummerċ jiġu aġġustati mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1464 ([4]). B'mod partikolari, il-kwoti tariffarji speċifiċi għall-inbid ma għadhomx applikabbli skont ir-reġim awtonomu previst mir-Regolament (KE) Nru 1215/2009 peress li dawn il-konċessjonijiet ġew inklużi fir-reġim tal-FSA.

(4) Skont l-Anness I tal-Protokoll II tal-FSA, l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-inbejjed li joriġinaw mill-Kosovo huma soġġetti għal kwoti li jibbenefikaw minn eżenzjoni totali mid-dazji tal-importazzjoni. Dawn il-kwoti jikkonsistu f'40 000 hl għall-inbid ta' għeneb frisk klassifikat fil-kodiċi tan-NM ex 2204 21 u ex 2204 29, u 10 000 hl għall-inbid effervexxenti ta' kwalità u għall-inbid ta' għeneb frisk klassifikati fil-kodiċi tan-NM ex 2204 10 u ex 2204 21. Dan il-protokoll japplika mill-1 ta' April 2016, u għaldaqstant il-kwoti tariffarji l-ġodda għall-2016 huma kkalkulati bħala prorata tal-volumi bażiċi annwali speċifikati fil-Protokoll.

(5) Sabiex jiġu implimenti l-kwoti tariffarji tal-Unjoni previsti fl-Anness I tal-Protokoll II tal-FSA, huwa meħtieġ li jinfetħu l-kwoti tariffarji għall-2016 u għas-snin li ġejjin abbażi tal-kwantitajiet mogħtija fl-FSA, u jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet tal-aċċettazzjoni tagħhom. Il-volum tal-kwota tariffarja għandu jitnaqqas permezz tal-kwantità importata fl-2016 u 2017, skont il-kwota tariffarja 09.1560, sabiex jitqiesu l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-inbejjed Kosovari skont il-miżuri kummerċjali awtonomi stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 1215/2009.

(6) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 ([5]) stabilixxa r-regoli ta' ġestjoni għall-kwoti tariffarji mfassla biex jintużaw skont l-ordni kronoloġika tad-dati ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali.

(7) Peress li l-Protokoll II tal-FSA japplika mill-1 ta' April 2016, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-istess data.

---

* Dan l-isem hu mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 71, 16.3.2016, p. 3.

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali eċċezzjonali għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea jew li huma marbutin miegħu (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 1).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1464 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 fir-rigward tal-konċessjonijiet kummerċjali mogħtija lill-Kosovo * wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda u l-Kosovo, min-naħa l-oħra (ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwantitajiet ta' inbid li jistgħu jiġu importati fl-Unjoni mill-Kosovo bl-eżenzjoni totali mid-dazju tal-importazzjoni għall-2016 u mill-2017, huma stipulati fl-Anness.

*Artikolu 2*

Id-dazju b'rata żero għandu jiġi applikat soġġett għal dawn il-kundizzjonijiet:

(a) l-inbejjed importati għandhom jiġu akkumpanjati minn prova tal-oriġini kif previst fil-Protokoll II tal-FSA;

(b) l-inbejjed importati ma jibbenefikawx minn sussidji ta' esportazzjoni.

*Artikolu 3*

Il-kwoti tariffarji msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu amministrati mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' April 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-11 ta' Awwissu 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

**Kwoti tariffarji għall-2016 għall-inbejjed li joriġinaw mill-Kosovo importati fl-Unjoni**

| Nru tal-ordni | Kodiċi tan-NM (1) | Estensjoni TARIC | Deskrizzjoni | Volum tal-kwota annwali (f'hl) (2) | Dazju tal-kwota tariffarja |
|---|---|---|---|---|---|
| 09.1572 | 2204 10 93 | | Inbid effervexxenti ta' kwalità; inbid ta' għeneb frisk, f'kontenituri li jesgħu żewġ litri jew anqas | **7 500** | Eżenzjoni |
| | 2204 10 94 | | | | |
| | 2204 10 96 | | | | |
| | 2204 10 98 | | | | |
| | 2204 21 06 | | | | |
| | 2204 21 07 | | | | |
| | 2204 21 08 | | | | |
| | 2204 21 09 | | | | |
| | ex 2204 21 93 | 19, 29, 31, 41 u 51 | | | |
| | ex 2204 21 94 | 19, 29, 31, 41 u 51 | | | |
| | 2204 21 95 | | | | |
| | ex 2204 21 96 | 11, 21, 31, 41 u 51 | | | |
| | 2204 21 97 | | | | |
| | ex 2204 21 98 | 11, 21, 31, 41 u 51 | | | |
| 09.1570 | 2204 21 06 | | Inbid ta' għeneb frisk | 30 000 (3) | Eżenzjoni |
| | 2204 21 07 | | | | |
| | 2204 21 08 | | | | |
| | 2204 21 09 | | | | |
| | ex 2204 21 93 | 19, 29, 31, 41 u 51 | | | |
| | ex 2204 21 94 | 19, 29, 31, 41 u 51 | | | |
| | 2204 21 95 | | | | |
| | ex 2204 21 96 | 11, 21, 31, 41 u 51 | | | |
| | 2204 21 97 | | | | |
| | ex 2204 21 98 | 11, 21, 31, 41 u 51 | | | |
| | 2204 29 10 | | | | |
| | 2204 29 93 | | | | |
| | ex 2204 29 94 | 11, 21, 31, 41 u 51 | | | |
| | 2204 29 95 | | | | |

| Nru tal-ordni | Kodiċi tan-NM (1) | Estensjoni TARIC | Deskrizzjoni | Volum tal-kwota annwali (f'hl) (2) | Dazju tal-kwota tariffarja |
|---|---|---|---|---|---|
| | ex 2204 29 96 | 11, 21, 31, 41 u 51 | | | |
| | 2204 29 97 | | | | |
| | ex 2204 29 98 | 11, 21, 31, 41 u 51 | | | |

(1) Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandhom jiġu kkunsidrati li ma għandhomx aktar minn valur indikattiv, bl-iskema preferenzjali ddeterminata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, mill-kopertura tal-Kodiċijiet tan-NM. Fejn ikunu indikati ex kodiċijiet tan-NM, l-iskema preferenzjali għandha tiġi ddeterminata permezz tal-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni korrispondenti flimkien.

(2) Iċ-ċertifikat V I 1 stabbilit skont l-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid fir-rigward ta' programmi ta' appoġġ, kummerċ ma' pajjiżi terzi, potenzjal tal-produzzjoni u kontrolli fis-settur tal-inbid (ĠU L 170, 30.6.2008, p. 1), għandu jsemmi l-konformità ma' dan ir-rekwiżit kif ġej: "Il-prodotti elenkati f'dan iċ-ċertifikat ma jibbenefikawx mis-sussidji ta' esportazzjoni".

(3) Il-volum tal-kwota tariffarja għandu jitnaqqas mill-kwantità importata, fl-2016, skont il-kwota tariffarja 09.1560.

**Kwoti tariffarji għall-2017 għall-inbejjed li joriġinaw mill-Kosovo importati fl-Unjoni**

| Nru tal-ordni | Kodiċi tan-NM (1) | Estensjoni TARIC | Deskrizzjoni | Volum tal-kwota annwali (f'hl) (2) | Dazju tal-kwota tariffarja |
|---|---|---|---|---|---|
| 09.1572 | 2204 10 93 | | Inbid effervexxenti ta' kwalità; inbid ta' għeneb frisk, f'kontenituri li jesgħu żewġ litri jew anqas | **10 000** | Eżenzjoni |
| | 2204 10 94 | | | | |
| | 2204 10 96 | | | | |
| | 2204 10 98 | | | | |
| | 2204 21 06 | | | | |
| | 2204 21 07 | | | | |
| | 2204 21 08 | | | | |
| | 2204 21 09 | | | | |
| | ex 2204 21 93 | 19, 29, 31, 41 u 51 | | | |
| | ex 2204 21 94 | 19, 29, 31, 41 u 51 | | | |
| | 2204 21 95 | | | | |
| | ex 2204 21 96 | 11, 21, 31, 41 u 51 | | | |
| | 2204 21 97 | | | | |
| | ex 2204 21 98 | 11, 21, 31, 41 u 51 | | | |
| 09.1570 | 2204 21 06 | | Inbid ta' għeneb frisk | 40 000 (3) | Eżenzjoni |
| | 2204 21 07 | | | | |
| | 2204 21 08 | | | | |
| | 2204 21 09 | | | | |
| | ex 2204 21 93 | 19, 29, 31, 41 u 51 | | | |

| Nru tal-ordni | Kodiċi tan-NM (1) | Estensjoni TARIC | Deskrizzjoni | Volum tal-kwota annwali (f'hl) (2) | Dazju tal-kwota tariffarja |
|---|---|---|---|---|---|
| | ex 2204 21 94 | 19, 29, 31, 41 u 51 | | | |
| | 2204 21 95 | | | | |
| | ex 2204 21 96 | 11, 21, 31, 41 u 51 | | | |
| | 2204 21 97 | | | | |
| | ex 2204 21 98 | 11, 21, 31, 41 u 51 | | | |
| | 2204 22 10 | | | | |
| | 2204 22 93 | | | | |
| | ex 2204 22 94 | 11, 21, 31, 41 u 51 | | | |
| | 2204 22 95 | | | | |
| | ex 2204 22 96 | 11, 21, 31, 41 u 51 | | | |
| | 2204 22 97 | | | | |
| | ex 2204 22 98 | 11, 21, 31, 41 u 51 | | | |
| | 2204 29 10 | | | | |
| | 2204 29 93 | | | | |
| | ex 2204 29 94 | 11, 21, 31, 41 u 51 | | | |
| | 2204 29 95 | | | | |
| | ex 2204 29 96 | 11, 21, 31, 41 u 51 | | | |
| | 2204 29 97 | | | | |
| | ex 2204 29 98 | 11, 21, 31, 41 u 51 | | | |

(1) Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandhom jiġu kkunsidrati li ma għandhomx aktar minn valur indikattiv, bl-iskema preferenzjali ddeterminata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, mill-kopertura tal-Kodiċijiet tan-NM. Fejn ikunu indikati ex kodiċijiet tan-NM, l-iskema preferenzjali għandha tiġi ddeterminata permezz tal-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni korrispondenti flimkien.

(2) Iċ-ċertifikat V I 1 stabbilit skont l-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid fir-rigward ta' programmi ta' appoġġ, kummerċ ma' pajjiżi terzi, potenzjal tal-produzzjoni u kontrolli fis-settur tal-inbid (ĠU L 170, 30.6.2008, p. 1), għandu jsemmi l-konformità ma' dan ir-rekwiżit kif ġej: "Il-prodotti elenkati f'dan iċ-ċertifikat ma jibbenefikawx mis-sussidji ta' esportazzjoni".

(3) Il-volum tal-kwota tariffarja għandu jitnaqqas mill-kwantità importata, fl-2017, skont il-kwota tariffarja 09.1560.